# IT-TIENI PARTI

## QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

### 8 ta' Jannar, 1957

### Imħallef;—

### Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Cachia *versus* Mary Deguara et.

**Azzjoni — Azzjoni "de in rem verso" — Alimenti — Mara — Art. 1265 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-karattru tal-azzjoni ma jistax jiġi dedott mill-kliem, bejn wieħed u ieħor eżatt, użati fl-att promotorju tal-ġudizzju, imma prinċipalment u unikament mill-iskop li għalieh ikun jinmira l-istess ġudizzju, li huwa l-veru oġġett tat-talba.*

*Bħala regola, meta obligazzjoni tiġi annullata minħabba inkapaċità ta' wieħed mill-kontraenti, ma tagħtix lill-kontraent l-ieħor ebda dritt għar-restituzzjoni ta' dak li jkun ġie mogħti, jew ta' dak li jkun ġie mħallas in forza ta' dik l-obligazzjoni; imma din ir-regola hija suġġetta għall-eċċezzjoni fil-każ li jiġi pruvat li l-ħaġa mogħtija jew imħallsa tkun avvantaġġjat lil min kontra tiegħu ssir l-azzjoni.*

*Għall-finijiet tal-azzjoni "de in rem verso" mhux biżżejjed li jkun hemm il-versament tal-flus, imma jrid ikun hemm il-versjoni utili ta' dawk l-istess flus; u hawn biżżejjed li dak il-vantaġġ kien jeżisti fil-mument tal-versament, mingħajr ma hemm bżonn li l-istess vantaġġ ikun baqa' jissussisti fil-mument meta tiġi esperita l-azzjoni "de in rem verso".*

*Jekk jittratta minn flus li servew għall-alimenti ta' mara u ta' uliedha, li ma tkunx mifruda minn żewġha, imma li tkun fil-mument tal-versament tal-flus separata minnu, mingħajr ma tkun tilfet id-dritt tagħha*

---

Minn din is-sentenza sar appell, li ġie ċedut fil-15 ta' Frar, 1957.

*għall-alimenti kontra żewgha; l-azzjoni għar-restituzzjoni ta' dawk il-flus bħala azzjoni "de in rem verso" mhix sostenibbli kontra l-mara. għax jonqos wieħed mill-elementi rikjesti għall-perfezzjonament u kompletament tal-azzjoni utili; imma jekk jiġi pruvat li fil-fatt dawk il-flus servew għall-alimenti ta' dik il-mara u ta' uliedha, javvera ruħu l-arrikkiment tal-patrimonju tar-raġel u n-nuqqas fih ta' xi fatt ġuridiku li jawtorizzah iżomm dak l-arrikkiment; u għalhekk l-azzjoni utili kontra tiegħu hija sostnuta.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur; premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attur kien xtara minn għand il-konvenuta Mary Deguara "sett" tas-sodda, tal-foljetta tal-kawba, u "sett" tal-pranzu tal-kawba, qodma, u ftit fajjenza bil-ħsara, bil-prezz ta' £40, skond riċevuta li tinsab eżibita fil-kawża "Giuseppe Deguara vs. Giuseppe Cachia" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-20 ta' Mejju 1955; u billi bl-imsemmija sentenza, wara li l-bejgħ ġie dikjarat riżolut, l-attur ġie kundannat jirrestitwixxi lill-imsemmi Giuseppe Deguara l-oġġetti minnu mixtrija u in difett iħallas il-prezz tagħhom; u billi l-konvenuta Mary Deguara tat lill-attur x'jifhem illi żewgħha kien mejjet, u b'hekk għamlet appropjazzjoni indebita għad-dannu ta' l-attur; u billi l-prezz imħallas mill-attur serva għall-bżonnijiet tal-familja tal-konvenuti; talab li l-konvenuti jiġu kundannati jirrestitwixxu lill-attur is-somma ta' £40 minnu mħallsa għall-prezz ta' l-oġġetti mixtrija minn għand il-konvenuta; b'riżerva għal kull azzjoni għad-danni sofferti mill-attur. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li l-konvenuta Maria Deguara hija binuba, u t-tieni raġel tagħha huwa l-konvenut Giuseppe Deguara. Ġurnata waħda, is-sena li għaddiet, għal xi dissidju li ma rriżultax x'inhu, hija ddeċediet li tħalli lill-żewgħha u tmur lejn Għawdex; u sabiex tkun tista' hekk

tagħmel, irriżolviet li tbiegħ il-mobbli li hija kienet ġiebet magħha bħala dota fl-okkażjoni ta' l-ewwel żwieġ tagħha, u li kienu għadhom għandha u ħadet magħha meta reġgħet iżżewġet mal-konvenut l-ieħor. Għall-fini fuq espress, per mezz ta' ċertu Michel Angelo Agius, tlaqqet ma' l-attur, li huwa rigattier u akkwirenti tal-mobbli, u dan akkwistahom minn għandha bil-prezz ta' £40. L-attur isostni li huwa xtara l-mobbli minn għand il-konvenuta għaliex hija ħbietlu l-kondizzjoni tagħha ta' mara miżżewġa; anzi jgħid li hija espressament assumiet il-kondizzjoni ta' mara armla, mentri l-konvenuta tinnega dan il-fatt. Jirriżulta wkoll li l-flus rikavati mill-bejgħ servew sabiex il-konvenuta tixtri xi ħwejjeġ u lbies għat-tfal li ħadet magħha u għall-manteniment tagħha u ta' uliedha fil-perijodu li damet mifruda materjalment minn żewġha. Din il-firda, skond il-konvenut, kienet ta' ftit granet, skond l-attriċi ta' xi xahar; imma l-konvenuti jaqblu li għall-ewwel ġimgħa l-konvenuta kellha xi flus għall-għajxien li kien taha l-konvenut, mentri għall-kumplament tal-perijodu tal-firda, skond l-attriċi, mhux meruta, il-konvenut ma taha xejn għall-manteniment. In segwitu, il-konvenut fittex quddiem il-Qorti tal-Kummerċ lill-attur u talab ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ tal-mobbli li martu kienet għamlet mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu, u l-kawża nqatgħet favur tiegħu, u l-attur tal-lum ġie kundannat iraġġa lura, f'terminu mpost, il-mobbli li kien xtara jew iħallas il-valur tagħhom, salva likwidazzjoni f'ġudizzju separat, l-għaliex il-vendita ġiet dikjarata nulla. Fuq dawn il-fattijiet, l-attur mexxa 'l quddiem il-kawża preżenti għall-flus minnu żborżati kontra ż-żewġ konvenuti, l-għaliex ikkunsinna l-mobbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-karattru ta' l-azzjoni ma jistax jiġi deżunt mill-kliem, bejn wieħed u ieħor eżatt, użati fl-att promotorju tal-ġudizzju, imma prinċipalment u unikament mill-iskop li għalieħ ikun jimmira bl-istess ġudizzju, li huwa l-veru oġ-

ġett tat-talba, kif dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati. F'din l-azzjoni, għalkemm l-attur f'waħda mill-premessi qal li l-konvenuta tagħtu x'jifhem illi żewġha kien mejjet, b'mod li skond l-idea tiegħu kkommettiet approprjazzjoni ndebita, ma talabx kundanna għad-danni, li naturalment u loġikament titnissel mill-azzjoni "ex delicto", jew dik ta' kważi-delitt, imma l-kundanna għar-restituzzjoni tas-somma żborżata, b'riżerva għall-azzjoni għad-danni. Minn dan jitnissel illi d-domanda, meħuda fl-iskop u kliem tagħha, hija pjuttost inkardinata fuq il-premessa l-oħra, fis-sens li l-prezz imħallas mill-attur nullament lill-konvenuta serva għall-bżonnijiet tal-familja tal-konvenuti, jew, fi kliem ieħor, eżerċita l-azzjoni "de in rem verso" kontra ż-żewġ konvenuti;

Illi kwindi l-azzjoni, kif proposta, hija bażata fuq l-art. 1265 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi di regola, meta obligazzjoni tiġi annullata mħabba inkapaċità ta' wieħed mill-kontraenti, ma tagħtix lill-kontraent l-ieħor ebda dritt għar-restituzzjoni ta' dak li jkun ġie mogħti, jew ta' dak li jkun ġie mħallas in forza ta' dik l-obbligazzjoni; imma din ir-regola hija suġġetta għal eċċezzjoni fil-każ li jiġi pruvat li l-ħaġa mogħtija jew imħallsa tkun avvantaġġjat lil min kontra tiegħu ssir l-azzjoni. Minn dan jitnissel li l-obligazzjoni trid tkun ġiet kuntratta ma' inkapaċi, li l-istess għalhekk tkun ġiet annullata, u l-pagament ikun ġie realment magħmul in forza ta' l-obbligazzjoni annullata;

Illi, kwindi, din il-Qorti trid teżamina jekk mill-att null tal-konvenuta, li in forza tiegħu sar il-pagament mill-attur, kienx hemm xi versjoni utili favur il-konvenuti;

Illi mhux ozjus li jingħad li għall-finijiet tal-azzjoni "de in rem verso" mhux biżżejjed li jkun hemm il-versament tal-flus, imma jrid ikun hemm il-versjoni utili ta' dik l-istess

"numerata pecunia", skond kif tippropendi din il-Qorti fuq l-awtorità tal-liġi (art. 1068 (2) u 1265 Kodiċi Ċivili), tal-awturi (Pothier, Obbligazioni, para. 504, u Coviello, voce "Azione de in rem verso", para. 41, Digesto Italiano), tal-Qrati ta' dan il-pajjiż (Prim'Awla Ċivili, l-ewwel ta' Diċembru 1882, in re "Mirabita vs. Burke ne.", Vol. IX, Paġ. 805 u in parti 809, Kolonna 2da. in primis), kif ukoll tal-ġurisprudenza estera (Cassazione Roma, Marzo 1892, Floris vs. Selis, Vol. II, 132, u Appell Milano 9 Agosto 1897, Panegatti vs. Della Lunga, Annali Vol. XXXI, p. III, 366) — "si deve riferire soltanto all'epoca della assunta obbligazione, e non occorre quindi si dimostri che il vantaggio ebbe a durare fino al momento in cui si spiega l'azione 'de in rem verso'";

Illi l-fatt li l-flus versati mill-attur fil-kors taż-żwieġ talkonvenuti servew għall-alimenti tal-konvenuta u ta' uliedha (mingħajr ma jintnesa li fil-kelma "alimenti" hemm imdaħħla l-għajxien proprju, l-abitazzjoni u ħwejjeġ ta' lbies) ma jikkostitwix vantaġġ personali sakemm ma jkunx hemm inadempjenza jew impossibilità ta' adempjenza mill-parti ta' żewġha (ara art. 4 (3) Kodiċi Ċivili), li jista' jkun di fronti għall-mara biss eżonerat jew in segwitu għal kawża ta' separazzjoni personali, jew meta tavvera ruħha u tiġi ġudizzjalment rikonoxxuta avverata l-ipotesi tal-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti, l-alimenti mhumiex dovuti b'titolu lukrativ, iżda, kif dejjem ġie ritenut, b'titolo oneruż;

Illi, kwindi, fir-rapporti tal-konvenuta jonqos wieħed mill-elementi għall-perfezzjonament u kompletament tal-azzjoni utili;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li fuq intqal, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tara jekk hijiex ammissibbli l-azzjoni kontra l-konvenut;

Illi huwa fatt li skond il-konvenuta l-flus minnha nkassati minn għand l-attur servew għall-alimenti tagħha u tat-tfal komuni, kif ukoll għax-xiri ta' ħwejjeġ ġodda li hija xtrat għal uliedha fil-perijodu li l-attur ma kienx qiegħed jgħaddilha l-alimenti. Qalet ukoll li żewġha, kif taħseb hija, induna bl-affarijiet ġodda li hija xtrat. Jirriżulta wkoll li l-mobbli li hija kienet biegħet, u li skond l-art. 1365 (e) tal-Kodiċi Ċivili jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ġew ritornati mill-attur lill-konvenuti;

Illi minn dawn il-fattijiet jirriżulta l-awment tal-patrimonju jew arrikkiment tal-konvenut fuq ċitat, kif ukoll jirriżulta l-vantaġġ li b'sakrifiċju jew fatt personali pprokura l-konvenut, u n-nuqqas fil-konvenut (arrikkit) li jieħu ġjovament minn fatt ġuridiku li jawtorizzah iżomm l-arrikkiment. Intqal li d-destinazzjoni tal-arrikkiment trid tkun prevista skond in-natura tal-att; imma ntnessa li fil-każ taħt eżami ma għandniex l-arrikkiment prodott bl-intervent ta' terzi, fejn jista' jservi l-kriterju msemmi, imma dirett;

Illi l-attur, per mezz tal-konvenuta, ipprova li hija xtrat ħwejjeġ ġodda għat-tfal komuni, u għexet bil-flus kollha li taha. Jekk il-konvenut deherlu li fil-fatt ma kienx hekk, kien dmiru jipprova l-kuntarju; imma jekk ma ppruvax, ta' dan ma għandux ibati l-attur;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevju dak li fuq intqal dwar l-eċċezzjonijiet konvenuti, billi tiċħad it-talba attriċi in kwantu diretta kontra l-konvenuta direttament, u tilqagħha in kwantu diretta kontra l-konvenut bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti; bl-imgħax legali mill-jum tan-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż, minħabba l-meritu, jingħabru u jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti.